**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 11 ta' Jannar, 2023**

Numru 13

**Appell Nru. 30/2022**

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici tal-24 ta’ Mejju 2022 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-5 ta’ Mejju 2022 li biha cahad l-appell tal-istess u ikkonferma l-avviz ta’ enforzar ECF56/17 ’gie depozitat materjal ta’ kostruzzjoni u skart iehor varju fuq is-sit minghajr permess’, fi Vjal l-Indipendenza, Mosta;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti u semghet it-trattazzjoni dwar l-artikoli rilevanti tal-ligi li tahthom inhareg l-avviz ta' enforzar.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie mressaq kontra l-inkluzzjoni tal-appellanti fl-Avviz ta' Nfurzar bin-numru ECF 56/17 li jaqra "Gie depositatmaterjal ta' kostruzzjoni u skart iehor varju fuq is-sit minghajr permess". Is-sit jinsab fil-lokalita tal-Mosta u ghandu faccata fuq zewg toroq fl-isem ta' Vjal l-Indipendenza u Triq Dun Karm Sciberras.

Illi l-appellanti dahlet appell kontra dan l-Avviz, u tikkontesta l-Avviz mahrug fuqha b'aggravju wiehed (1), fejn hija tindika li l-artli minna hija ghanda sehem indiviz kienet giet esproprijata u impussessata min Awtorita pubblika, li mbaghad pprocedit li taghmel xoghljijiet fuq dan is-sit billi sar tfiegh ta' materjal. Jinghad li l-appellanti la kienet involuta u lanqas giet infurmata b'tali xoghlijiet,u segwentament l-Awtorita pubblika irrilaxxat porzjon tal-art lis-sidien originali.

L-Awtorita tal-Ippjanar irrispondiet ghal dan l-appell billi tindika li l-avviz kien originarjament inhareg biss fil-konfront tas-Sur Martin Testaferrata Moroni Viani u li waqt il-proceduri tal-appell deciz fis-6 ta' Dicembru 2018 irrizulta li l-appellanti kienet wahda mill-ko-propjetarji li segwentament giet inkluza fl-Avviz ta' Nfurzar bhala wahda mill-persuni responsabli. L-Awtorita taghmel referenza ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell 57/2013 msemmija fid-decizjoni tat-Tribunal, u taghmel ukoll referenza ghal Artikolu 97(4), filwaqt li tosserva li stante li x-xoghlijiet saru qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 276 tal-2012, ma' giet imposta l-ebda multa gjornaliera.

Illi l-appellanti ssottomettiet wkoll affidavit li fieh hija tikkonferma dak li hemm indikat fir-rikors promotur f'dak li jirrigwarda t-titolu taghha fuq l-artijiet in kwistjoni u li hija bla ebda mod ma' kienetx involuta fit-tfiegh ta' materjal u ghalhekk m'hijiex responsabli ghal dawn ix-xoghlijiet. Jigi ndikat ukoll li l-amministrazzjoni ta' dawn l-artijiet kienet miz-ziju u l-kugin u li hija ftit li xejn kienet tigi nformata b'dak li qed jigri bl-artijiet.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali l-appellanti tishaq li hija mhijiex responsabli ghax-xoghlijiet illegali minhabba li l-materjal gie mitfuh mill-awtoritajiet / entitajiet tal-Gvern meta sar it-twessiegh tat-toroq, u ghalhekk targumenta li l-Awtorita tal-Ippjanar ghandha tindirizza dan l-Avviz kontra min ghamel dawn ix-xoghlijiet u mhux kontra s-sidien tal-art.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-Avviz mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet, kif ukoll l-atti tal-appelli 191/17, 192/17 u 193/17 kif mitlub mill-appellanti u milqugh mit-Tribunal kif diversament compost [Seduta 15 ta' Lulju, 2020].

Ikkunsidra:
Illi l-argument ewlieni li gie mressaq mill-appellanti huwa li t-tfiegh tal-materjali fuq is-sit in ezami ma' sarx minna ghaliex l-art kienet giet esproprijata u impussessata min Awtorita pubblika jew mill-gvern, u meta l-art giet rrilaxxat lura lis-sidien originali, tali xoghlijiet kien gia twettqu. It-Tribunal josserva li l-unika prova mressqa mill-appellanti hija permezz tal-affidavit maghmul minna, liema affidavit l-Awtorita ma' ghamlet l-ebda kummenti jew provi fil-kuntrarju ta' dak li gie ndikat.

Illi ndipendentament min dak li qed jigi ndikat fl-affidavit tal-appellanti, ossia li t-tfiegh ta' materjal ma' sarx mill-appellanti izda min awtoritajiet / entitajiet tal-Gvern, hekk kif gie ndikat fid-decizijiet tat-Tribunal kif diversament kompost fl-appelli numru 191/17, 192/17 u 193/17 (li jikkoncernaw l-istess Avvizi ta' Nfurzar ECF 54/17, ECF 55/17 u ECF 56/17), dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (appell numru 57/2013) fl-ismijiet ta' MC Francis Cachia Caruana Vs Awtorita'deciza fis-7 ta' Mejju tal-2014, fejn din it-tip ta' sitwazzjoni giet trattata. Il-Qorti affermat is-segwenti principju:
Ghalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-pozizzjoni tal-appellat u tifhem li t-Tribunal ipprova jagixxi b'sens ta' gustizzja mal-partijiet interessati, madankollu hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-gustizzja ghandha u tista' ssir biss fil-parametri li taghti l-ligi. Il-Qrati japplikaw il-ligi b'gustizzja izda ma jistghux jissostitwixxu l-fehma taghhom ma' dak li jrid il-legislatur sakemm il-kwistjoni ma tkunx qed tigi indirizzata fil-forum idoneu bil-mezzi li taghti l-ligi ordinarja u dik kostituzzjonali biex jigu attakkati provvedimenti tal-ligi jew agir amministrattiv kif inhu dan il-kaz.
Din il-Qorti hi marbuta b'dak il-poter afdat lilha fl-ambitu ta' appelli minn decizjonijiet tat-Tribunal fuq punti ta' ligi. Il-Qorti tqis illi t-Tribunal agixxa kontra dak li tghid il-ligi. L-appell quddiemu sar fil-parametru tal-artikolu 52(9). Ghalhekk fl-ewwel lok it-Tribunal ma setghax jinjora l-applikabilita tieghu jew ighid li m hux applikabbli ghal kaz. Dan la kellu d-dritt ighidu u wisq anqas jamplika fuq tali kunsiderazzjonijiet billi jqis kif l-Awtorita kellha tuza d-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi fejn dan ma jirrizultax li hu fil-poter talistess Tribunal minn qari tal-artikolu 52 tal-Kap. 356.
L-iskop wara enforcement order hu primarjament il-protezzjoni tas-sit u mhux l-individwu fl-interess tas-socjeta. Ghalhekk l-artikolu 52(1) ighid li l-Awtorita ghandha tinnotifika lis-sid u/jew l-okkupant kif hi jidhrilha l-aktar xieraq. In oltre t-Tribunal ma setghax jidhol fil-konsiderazzjonijet ta' pregudizzju finanzjarju li seta' jigi rinfaccat bih is-sid jekk jittiehed direct action mill-Awtorita billi l-artikolu 55A(4) jipprospetta tali ipotesi u jaghti d-dritt ta' risarciment tas-sid minn min ikun realment u fattwalment ikkommetta l-illegalita. Il-konsiderazzjoni ulterjuri tat-Tribunal li l-Awtorita ghandha rimedji civili disponibbli minghajr ma tapplika l-artikolu 52 hi wahda gratuita ghaliex l-artikolu rilevanti tal-Kap. 356 jimponi proceduri appoziti sabiex l-Awtorita tagixxi fil-parametri tal-ligi u dawn ma jistghux jigu injorati jekk mhux bil-konsegwenza li l-istess Awtorita tkun qed tippregudika d-drittijiet taghha skond il-ligi.

In vista tas-suespost, il-Qorti tal-Appell affermat illi tali aggravju m'ghandux mertu billi l-Awtorita' kellha kull dritt li tmexxi fil-konfront ta' sid l-art indipendentement minn min ikun effetivament ghamel l-izvilupp mertu tal-Avviz. Dan minghajr pregudizzjoni ghal drittijiet ohra li jistgha jkollhom is-sidien fil-konfront ta' min wettaq it-tfiegh ta' materjal illegali, hekk kif indikat mill-istess appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet finali.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma l-inkluzzjoni tal-appellanti fl-Avviz ECF 56/17.

## Ikkunsidrat

L-aggravju tal-appellant hu li l-artikolu 97(4) tal-Kap. 551 gie applikat hazin. Ghalkemm l-artikolu in kwistjoni jaghti diskrezzjoni lil Awtorita tinnotifika lis-sid, u/jew l-okkupant, u/jew lil min ikun wettaq l-illegalita f'sit, tali diskrezzjoni trid tintuza b'mod ragonevoli. F'dan il-kaz l-Awtorita kienet taf li l-illegalita twettqet minn entita tal-Gvern waqt xoghlijiet pubblici u ghalhekk kellha <u>wkoll</u> (sottolinear tal-Qorti) tinnotifika lill-istess entita pubblika bl-illegalita u mhux biss lis-sid li ma kellu ebda responsabilta fl-

att illegali. Tali decizjoni kienet diskriminatorja fil-konfront tas-sid billi mhux il-persuni kollha li ghalihom jaghmel riferenza l-artikolu 97(4) tqieghdu fl-istess keffa specjalment meta min ghamel l-att illecitu kien maghruf, kif wara kollox hu l-iskop u intenzjoni u l-ispirtu tal-istess artikolu. Di piu f'dan il-kaz entita governattiva ghamlet gudizzju diskrezzjonali fil-konfront ta' entita governattiva ohra li f'ghajnejn il-ligi huma parti mill-istess Gvern kontra l-principju *nemo iudex in causa propria.*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jibda biex jinghad illi r-referenza u konsiderazzjonijiet maghmula mit-Tribunal rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismiijiet Francis Cachia Caruana vs Awtorita tal-Ippjanar deciza fis-7 ta' Mejju 2014 mhux ghal kollox preciza. Dan jinghad peress illi f'dak l-appell Cachia Caruana kien qed isostni li ma kellux jigi notifikat bl-avviz ta' enforzar ghax fil-fehma tiehgu, l-agir illegali kienu jahtu ghalih terz jew terzi mentri f'dan il-kaz, l-appellanti qed targumenta li la darba kien hemm terzi li kienu responsabbli fattwalment ghall-att illegali, allura kellhom jigu notifikati wkoll. Apparti x'sehh fl-appell Cachia Caruana u l-proceduri kostituzzjonali li ghadhom sub iudice u li l-Qorti mhix ser tikkumenta dwarhom, dan l-appell irid jittiehed fil-perspettiva u skont il-fattispecie tieghu.

Hu indubitat illi l-Awtorita hi fdata b'diskrezzjoni skont l-artiklu 97(4) tal-Kap. 552 li tinnotifika lis-sid, okkupant jew min ikkometta l-illegalita singolarment jew kumulutivament b'ordni ta' twettiq biex titnehha l-illegalita. Il-ligi tghid 'kif il-Kunsill Ezekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti'. L-iskop ta' din id-dicitura hu li fl-ewwel lok l-ordni qed issir ghal protezzjoni tal-ambjent u tnehhija ta' vjolazzjoni bla permess ta' zvilupp u fit-tieni lok biex l-Awtorita ma tkunx imxekkla milli taqdi d-doveri taghha minkejja nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fatti li taw lok ghall-illegalita. Ghalhekk l-Awtorita hi fdata b'diskrezzjoni pjuttost wiesa biex taqdi d-dmir taghha lejn is-socjeta fil-protezzjoni tal-ambjent. Pero din id-diskrezzjoni fdata f'idejn awtorita pubblika trid tintuza b'mod ragonevoli u gust b'tali mod li ma tidhirx li qed issir ingustizzja manifesta.

F'dan il-kaz it-Tribunal isemmi li l-appellanti resqet affidavit fejn iddikjarat li r-radam intefa' fil-proprjeta taghha mid-dipartiment tal-Gvern li kien qed jaghmel xoghlijiet

pubblici fil-madwar u kien esproprja l-art ghal dan l-iskop u susegwentement irrilaxxja parti minnha u thalla hemm. Tali stqarrija guramentata ma gietx kontradetta. Pero sta ghall-appellanti tindika bi kjarezza min tefa’ l-iskart. Il-Gvern hu maqsum f’diversi ministeri bid-dipartimenti u awtoritajiet rispettivi li jaqghu tahthom. Jekk l-appellanti qed tishaq li haddiehor kien ukoll responsabbli fattwalment ghall-illegalita l-oneru tal-prova jaqa’ fuqha mhux l-Awtorita li mhix mistennija taghmel tali ricerka fattwali hi. Kieku kienet moghtija tali informazzjoni kienet taqa’ fuq l-Awtorita li tidher li qed tkun trasparenti u tottempera ruhha mal-ispirtu tal-ligi cioe li ‘jkun spedjenti li issir in-notifika tal-avviz ta’ twettiq lil kull min seta’ kellu xi responsabilta legali jew fattwali ghall-illegalita’.

Ghalhekk il-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi ma tqis l-aggravju gustifikat fuq kwistjoni ta’ fatt.

Fil-mori tal-proceduri tqajmet il-kwistjoni mill-Awtorita illi l-avviz ta’ enforzar inhareg a bazi tal-artikolu 99 tal-Kap. 552, u saru noti fuq din il-kwistjoni. Il-Qorti tqis illi l-parametri tad-decizjoni u l-appell kienu cari u l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti maghmula aktar il-fuq jaghlqu l-kwistjoni. Pero ghal kompletezza jinghad li fil-fatt l-avviz ta’ enforzar hareg a bazi tal-artikolu 99 tal-Kap. 552 li jirregola specifikament in-nuqqas li bih giet notifikata l-appellanti, sid tal-proprjeta. Harsa lejn dan l-artikolu pero ma jbiddel xejn ma’ dak li nghid dwar l-artikolu 97(4) billi l-avviz taht l-artikolu 99 jista’ jigi notifikat lis-sid jew l-okkupant biss u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex x’izzid ma’ dak gia kunsidrat.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici. Spejjez ghall-appellanti salv kull dritt tal-appellanti kontra min ghamel il-hsara.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur